MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 614/2009

**Rachel Azzopardi
ID-190682-(M)**

**vs**

**Emanuel sive Emy Borg
I.D. 3211768 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u hamsa u erbghin Ewro (€1,845.00), liema ammont jirapprezenta danni minnha subiti fil-vettura taghha ***VW Golf*** Reg.Nru. ***DEN–303***, u attribwibbli lill-konvenut, '*mechanic'*, minhabba imperizja u nuqqas ta' hila fl-arti u s-sengha da parte tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Mejju 2009, u bl-imghax legali mis-7 ta' Mejju 2009 sal-effettiv

pagament, kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi kif spjega kemm-il darba l-konvenut lill-attrici, hu ma jahti xejn, u allura mhuwiex responsabbli ghall-allegati danni, u dan kif se jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-attrici minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Mid-deposizzjoni li nghatat mill-attrici rrizulta illi l-ahhar '*service'* fuq il-vettura mertu ta' din il-kawza, qabel l-akkadut, kien sar f'Mejju 2008. Spjegat kif meta hadet il-karozza mis-'*service'*, bdiet itteptep il-bozza taz-zejt, izda wara li wrietha lill-konvenut u ziedilha ftit iz-zejt, il-bozza ma baqghetx itteptep. Imbaghad f'Dicembru 2008, il-bozza regghet bdiet itteptep. Marret ghand il-konvenut, u qalilha li tista' tuza l-karozza pero' b'kawtela, u kellu jsir xi haga dwar l-'*istrainer*'. Peress illi l-karozza baqghet tghamel il-hsejjes fi triqitha lejn id-dar, regghet cemplet lill-konvenut, u ghamlet jumejn ma ssuqx il-karozza. Meta regghet uzatha, l-magna "***ssiezjat***". Tiswija tal-vettura saret ghand Jason Muscat, u damet ghandu ghal xahar u nofs. L-attrici imbaghad avzat lill-konvenut dwar l-akkadut, u dan wara li kienet saret it-tiswija taghha minn Jason Muscat.  In kontroezami xehdet illi ghamlet erba' (4) '*service'* tal-karozza ghand il-konvenut. L-ewwel darba kien fl-2007 jew 2008.  Meta hadet il-karozza f'Mejju 2008, il-bozza kienet ghadha ma bdietx itteptep. Tghid illi meta imbaghad f'Dicembru l-konvenut ra l-bozza tixghel, qalilha li kien ser jehtieg li jinbidel l-'*istrainer'*; tghid ukoll li qalilha li setghet issuq il-vettura minkejja li kellha l-bozza itteptep, ghalkemm hi ssuspettat li seta' kien hemm periklu jekk issuqha. Il-vettura saqitha sad-dar, hallietha jumejn wieqfa, u meta imbaghad fit-tielet jum uzatha, ftit tal-hin wara waqfitilha. Issostni  li fl-ebda waqt il-konvenut ma avzaha biex ma tuzax il-karozza. Bejn Mejju sa Dicembru,

l-bozza taz-zejt qatt ma kienet itteptep. Tghid ukoll illi meta marret ghand il-konvenut f'Dicembru, il-konvenut ma ccekjax iz-zejt, u qalilha biss biex terga' tehodilu gimgha wara. Tghid ukoll illi l-vettura taghha haditha ghand '*mechanics'* ohra ghas-'*servicing'*. L-attrici kkonfermat ukoll illi l-konvenut bidel iz-zejt tal-vettura taghha fil-presenza taghha stess, izda ma tiftakarx id-ditta taz-zejt li gie wzat. Tghid illi marret ghal '*services'* ghand il-konvenut madwar tliet (3) darbiet, u precedentement kienet tiehu l-karozza taghha ghas-'*servicing'* ghand '*mechanics*' ohra qabel ma bdiet tehodha ghand il-konvenut.

Xehed Jason Muscat, prodott mill-attrici, li qal li l-vettura tal-attrici ttiehdet fil-'*garag'e* tieghu ghat-tiswija; meta ccekkja l-magna tal-karozza rrizulta illi kienet "*issizjat*". Meta fetah il-magna sab illi z-zejt ma kienx qieghed jiccirkola fil-magna konsegwenza ta' hafna hmieg fis-'*sump*'. Jiddikjara illi mhux normali illi vettura ta' *70,000 km* jigrilha bhal ma gralha l-vettura tal-attrici, u cioe' li l-magna "*tissizja*". Jghid illi f'mudelli ta' vettura bhal dik tal-attrici, f'sitwazzjonijiet simili, tixghel il-bozza u jdoqq ukoll l-alarm. Xehed illi bozza hamra tindika li ghandek twaqqaf minnufih l-uzu tal-vettura. Meta tixghel il-bozza taz-zejt jindika illi l-magna qed tbaghti minn nuqqas ta' pressa. Ix-xoghlijiet ta' tiswija gew konkluzi fi Frar 2009. Damet ghand il-'*mechanic*' ghal madwar xahrejn.

In kontroezami ddikjara illi meta z-zejt tal-magna gie '*drained'* minnu, sab illi kien *'crude'* hafna, u spjega illi dan mhux necessarjament ifisser illi z-zejt kien ilu jintuza, izda li kien thammeg jew thallat mal-hmieg. Jiddeskrivi z-zejt li gie '*drained'* bhala "spiccut". Jghid ukoll li hu ma ezaminax iz-zejt, u ma setax jistabilixxi x'zejt kien jintuza.
Xehed Ronald Azzopardi, prodott mill-attrici illi qal illi meta avvicina lill-konvenut u staqsih ghalfejn ma avzax lil bintu biex ma tuzax/ssuqx il-karozza, izda biss biex ma tkiddhiex, il-konvenut qallu li ma kellux fejn izommha, u kien ghalhekk li ma qalilhiex biex ma ssuqhiex. Isostni illi fil-fehma tieghu, z-zejt li uza l-konvenut fil-vettura ta' bintu kien hazin, u dan fis-sens illi mhux in konformita' mal-

'*ispecifications'* tal-magna. Jghid illi rega' kellem lill-konvenut madwar gimgha u nofs wara, u dan qallu li hu kien ghamel kollox sew, u li z-zejt li kien uza kien tajjeb ghal dak il-mudell ta' karozza. Semmielu wkoll "*sprainer*" tal-magna, li madanakollu x-xhud iddikjara li ma kienz jaf x'inhu ghax ma jifhimx f'dan ix-xoghol, u lanqas ma jiftakar it-tip ta' zejt li l-konvenut qallu li kien uza.

Il-konvenut xehed illi l-ewwel '*service*' li ghamel fuq il-karozza tal-konvenuta kien f'Settembru 2007. F'din l-okkazjoni sar '*service*' skond ma jirrizulta f'***Dok EB5*** (fol.31). Imbaghad l-attrici regghet maret ghand il-konvenut f'Mejju 2008, u sar biss tibdil taz-zejt u l-'*filter*' skond ***Dok EB6*** (fol.32). F'din l-okkazjoni l-attrici qaghdet tistenna l-karozza sakemm biddel iz-zejt u l-'*filter*'. Dakinhar filghaxija l-attrici avzat lill-konvenut li rat bozza hamra itteptep, u aktar specifikament il-bozza taz-zejt, u marret ghandu dakinhar stess. Hu ssuggerixxa li terga' tmur l-ghada biex jibdlilha xi '*switch'*, izda l-ghada ma marritx. Imbaghad l-attrici reghhet marret ghand il-konvenut f'Settembru 2008 biex tibdel '*wiper'*, izda ma semmiet xejn dwar il-bozza taz-zejt. L-attrici kkuntatjat lill-konvenut fis-26 ta' Dicembru, 2008 dwar il-bozza taz-zejt, u ghalkemm marret ghandu, izda l-bozza ma kienetx tixghel jew qed itteptep. Sab iz-zejt ftit baxx, u ghalhekk ziedha ftit; izda jghid li m'hemm ebda konessjoni mal-bozza tixghel, izda ziedha z-zejt biex jghid ziedulha. Hi telqet, izda ftit wara cemplitlu biex tghidlu li l-bozza kienet qeghda terga' tteptep, u ghalhekk qalilha terga' tmur, kif fil-fatt ghamlet, u ra l-bozza tteptep ghal-ewwel darba. Jghid illi l-konvenuta qalilha li ma kellux fejn izommilha l-karozza, izda avzaha wkoll biex ma tuzax il-karozza. Hu ma regax sema' minghand il-konvenuta sa Frar, 2009, meta waqfet quddiem il-bieb tal-'*garage'* bil-karozza taghha u avzatu bl-ispiza li kienet gietha sabiex sewwiet il-karozza. Il-konvenut gie imbaghad avvicinat minn missier l-attrici, li kien talbu spjega ta' li kien gara, u qallu li fiz-zewg okkazjonijiet li bidel iz-zejt tal-karozza tal-attrici, dan sar fil-presenza taghha.

In kontroezami, l-konvenut spjega illi l-bozza taz-zejt itteptep tkun tindika nuqqas ta’ pressa fil-magna, peress illi jkun hemm il-hmieg fl-‘*istrainer*’. Il-konvenut isostni li ra l-bozza tteptep biss fl-okkazjoni meta l-attrici regghet marret bil-karozza f’Dicembru, u hu qalilha biex ma tuzahiex. Mistoqsi ladarba ra l-bozza tteptep l-ghala halla lill-attrici tmur lura d-dar biha, jghid illi (1) il-bozza ma kienitx itteptep il-hin kollu (2) zejt kien “*topped*” (3) l-alarm ma kienx idoqq, u fin-nuqqas ta’ dan tal-ahhar ma kienx hemm periklu fl-opinjoni tal-konvenut. Il-konvenut ma jichadx illi qal lill-konvenuta ili kellha terga’ tmur bil-karozza l-ghada, ghaliex dak il-hin ma kellux fejn jiggaraxxja l-karozza taghha, u mistoqsi jekk ghamilx analizi zbaljata tal-kundizzjoni tal-vettura, jghid li dan mhux minnu. Ma jafx x’sar mill-karozza meta mbaghad telqet biha l-attrici. Isostni li avza lill-attrici sabiex ma tuzax il-karozza. Jghid ukoll li meta ra l-vettura fis-26 ta’ Dicembru, 2008 ma kien jidher li kellha xejn hazin, izda meta imbghad ra l-bozza tteptep qalilha biex tmur l-ghada sabiex jaghmel l-istharrig mehtieg, u dan fis-sens illi jiccekja s-‘*switch*’, u imbaghad skond ma jsib, jivverifika ulterjorment.

Xehed Lino Borg prodott mill-konvenut, u qal li jigi missier il-konvenut u li kien prezenti ghall-konversazzjoni li kellhom il-konvenut, l-attrici u missierha fil-‘*garage*’ tal-konvenut, fejn dan tal-ahhar gie mitlub sabiex jghamel tajjeb ghall-ispejjez li ghamlet l-attrici biex issewwiet il-vettura taghha.

Ra u ha konjizzjoni tan-noti ta’ sottomissjonijiet li gew ipprezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet, b’mod partikolari b’referenza ghax-xhieda moghtija miz-zewg partijiet, irrizulta illi l-vettura mertu ta’ din il-kawza ttiehdet mill-attrici ghand il-konvenut ghall-ahhar ‘*service*’ qabel l-akkadut, f’Mejju, 2008. Illi f’dik l-okkazjoni l-bozza taz-zejt

xeghlet ghal ftit, wara li l-attrici telqet bil-vettura minghand il-konvenut, izda imbaghad waqfet itteptep. F’din l-okkazjoni l-konvenut bidel iz-zejt u l-‘*filter*’ tal-vettura tal-attrici. Kien imbaghad f’Dicembru, 2008 illi l-bozza taz-zejt reghhet xeghlet, u l-attrici hadet il-karozza taghha ghand il-konvenut, wara li lmentat mieghu dwar dan il-fatt.

Illi huwa minn hawn ‘l quddiem illi jibdew jirrizultaw xi diskrepanzi fix-xhieda moghtija miz-zewg partijiet, b’mod partikolari dwar x’diskors intqal minn parti lil ohra, u dan fis-sens illi l-attrici ssostni illi l-konvenut qalilha li setghet tuza l-karozza, izda ghandha tipprova “**ma tkiddhiex**”, filwaqt illi l-konvenut isostni illi huwa avzaha sabiex ma tuzahiex.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-problema li rrizultat fil-vettura tal-attrici li wasslet sabiex xeghlet il-bozza taz-zejt, m’hix direttament attribwibbli lill-konvenut minhabba xi imperizja u nuqqas ta’ hila fl-ezercizzju tas-sengha u l-arti da parti tieghu meta ghamel is-‘*service*’, u dan ghal zewg ragunijiet. Illi mill-atti processwali ma rrizultax ness dirett bejn il-hsara li rrizultat fil-vettura tal-attrici u z-zewg ‘*services’* li saru mill-konvenut fuq il-vettura tal-attrici, ghaliex lanqas il-‘*mechanic’* li sewwa l-vettura tal-attrici wara li “**ssiezjat**” il-magna, ma identifika xi problema partikolari meta fetah l-istess magna, izda xehed biss b’mod generali dwar dak li jwassal sabiex magna ta’ karozza “**tissiezja**”, kif gara fil-kaz in ezami, u cioe’ nuqqas ta’ pressa fil-magna minhabba illi jkun hemm hafna hmieg fis-‘*sump*’; illi fit-tieni lok, ghadda wisq zmien minn meta sar is-‘*service’* mill-konvenut f’Mejju, 2008 sa meta xeghlet il-bozza f’Dicembru, 2008 sabiex wiehed jista’ jattribwixxi htija lill-konvenut ghal xi att li ghamel, jew xi nuqqas attribwibbli lilu, meta ghamel is-‘*service’* fuq il-vettura tal-attrici li seta’ wassal sabiex xeghlet il-bozza.

Illi oltre dan, it-Tribunal jinnota illi l-attrici ma hassitx il-htiega li tavvicina lill-konvenut hekk kif irrizultat il-hsara fil-karozza taghha, izda jidher li avvicinatu biss meta t-tiswija fil-karozza kienet tlestiet minn terza persuna. Illi ghalhekk ma jirrizultax sodisfacentement mill-atti meta ezattament “**issiezjat**” il-magna tal-vettura tal-attrici, ghalkemm ix-

xhud Jason Muscat jghid illi waqt illi hu kien imsiefer ghall-habta tal-Milied, hu gie mgharraf bit-'*telephone*' illi l-attrici kienet hadet il-karozza taghha ghandu sabiex din tissewwa. Illi daqstant iehor ma jirrizultax ezattament meta tlestiet il-karozza, ghaliex ma jirrizultawx dati mir-ricevuti u dokumenti (***Dok. RA1 u RA2)*** li gew pprezentati mill-attrici. Illi ghalhekk, u ghalkemm l-attrici tghid li l-vettura damet ghand il-'*mechanic*' ghal madwar xahar u nofs, u l-'*mechanic*' jghid illi damet ghandu ghal madwar xahrejn, huwa difficli li jigi stabbilit meta effettivament "**issiezjat**" il-magna tal-vettura tal-attrici.

Ikkunsidra:

Illi f'kawzi dwar rizarciment ta' danni, min jallega li sofra l-hsara ghandu l-obbligu li jipprova l-fatt jew l-ommissjoni li juru l-htija ta' min ikun azzjonat ghal dawk id-danni. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi mill-provi mressaq mill-partijiet ma rrizulta ebda nuqqas fil-hidma tal-konvenut meta ghamel is-'*services'* tal-karozza fuq struzzjonijiet tal-attrici.

Madanakollu, it-Tribunal ser iqis ukoll l-istruzzjonijiet li l-konvenut ta lill-attrici meta ra li l-bozza taz-zejt kienet qieghdha tixghel. L-attrici ssostni illi l-konvenut qalilha li setghet issuq il-karozza lura lejn id-dar, izda sabiex toqghod attenta li "**ma tkiddhiex**". L-attrici ddikjarat ukoll illi gieha suspett illi seta' kien hemm periklu jekk issuqha.

Il-konvenut min-naha l-ohra jsostni illi lill-attrici informaha li ma kellux post fejn idahhal il-karozza taghha fil-'*garage*' tieghu, izda avzaha wkoll illi ma kellhiex issuq il-karozza. Illi t-Tribunal mhux konvint illi l-konvenut seta' kien daqshekk kategoriku fl-istruzzjonijiet li ta lill-attrici, u dan b'mod partikolari meta hass il-htiega li jiddikjara in kontro-ezami illi hu ma avzax lill-attrici sabiex ma ssuqx il-karozza lejn id-dar peress illi l-bozza ma kienitx qed itteptep il-hin kollu, illi z-zejt kien gie mizjud, u li l-'*alarm*' ma kienx qed idoqq, u ghalhekk u ladarba l-'*alarm*' ma kienx daqq, ma kienx hemm periklu fl-opinjoni tieghu. Lanqas ma cahad, in kontroezami, illi kien qal lill-konvenuta illi kellha terga' tmur bil-karozza l-ghada sabiex jivverifika x'kien wassal sabiex xeghlet dik il-bozza taz-

zejt. Illi dan l-istat ta' fatt jikkonferma l-verzjoni mghotija mill-attrici, u cioe' illi l-konvenut ma wissihiex illi kellha tieqaf ghal kollox milli ssuq il-karozza.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut mhux ghal kollox kredibbli meta jsostni illi avza lill-attrici sabiex ma ssuqx il-karozza taghha. Illi huwa ferm aktar probabbli illi qalilha sabiex tuzaha b'kawtela sakemm terga' tehodha lura ghandu, u ghalhekk naqas milli jaghti struzzjonijiet korretti lill-attrici, u naqas milli jwissiha bil-periklu li kien jezisti li l-magna setghet "**tissiezja**" jekk titlaq biha minn hdejh, anke sabiex tasal sad-dar u lura.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi ghalkemm mill-provi mressqa ma rrizultax illi l-konvenut wera nuqqas ta' hila fl-ezercizzju tas-sengha tieghu meta ghamel l-ahhar '*service'* fuq il-vettura tal-attrici, naqas mid-dmir tieghu bhala persuna tas-sengha, li jwissi adegwatament lill-attrici dwar il-periklu li kien jezisti li setghet tirrizulta hsara fil-vettura taghha jekk hi tkompli tuzaha. Illi l-konvenut kien fid-dmir li javza lill-attrici sabiex tieqaf minnufih milli tkompli tghamel uzu mill-karozza, irrispettivament minn jekk kellux, jew le, post fil-'*garage*' fejn izomm il-karozza taghha.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, tali nuqqas da parti tal-konvenut ghandu jwassal sabiex l-istess konvenut jerfa' '*in parte'* r-responsabilita' ghall-hsara li rrizultat fil-vettura proprjeta' tal-attrici, u a bazi ta' ekwita' qed jistabilixxi illi l-konvenut ghandu jbaghti ghoxrin fil-mija (20%) tad-danni, ossia spejjez, li l-attrici nefqet sabiex sewwiet il-vettura proprjeta' taghha, liema spejjez jidher li ma gew bl-ebda mod ikkontestati mill-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta gustifikata u ppruvata '*in parte'*, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjoni tal-konvenut, jilqa' '*in parte*' t-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett mija u disgha u sittin Ewro (€369.00), bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------